# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2025.**

**Numru 4**

**Rikors numru 55/2011/1 JA**

**Rosina Cassar, Alfred Scerri, u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2012 l-atti ġew trasfużi f'isem Raphael Scerri iben Alfred Scerri stante li Alfred Scerri miet fil-mori tal-kawża; Maria Debono u b'digriet tat-2 ta' Settembru 2021 stante l-mewt ta' Maria Debono l-atti ġew trasfużi f'isem Joe Debono, Pawlu Busuttil, John Zammit, u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2012 l-atti ġew trasfużi f'isem Sylvia Zammit, stante li John Zammit miet fil-mori tal-kawża; Nazzareno Zammit, Salvu Zammit, Carmela Polidano; u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2012 l-atturi Pawlu Busuttil, Salvu Zammit, Nazzareno Zammit, u Carmela Polidano ġew estromessi mill-kawża;**

**v.**

**Philip sive Pinu Azzopardi**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Sylvia Zammit, minn sentenza ta' nhar it-28 ta' Frar 2020 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Permezz ta' dik is-sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel talba attriċi li tiddikjara t-testment magħmul minn Salvatore Zammit, nhar l-20 ta' Awwissu 2010 fl-atti tan-Nutar Sandra Bugeja, bħala null u bla effett, u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tat-talbiet bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**Daħla**

2. L-atturi, permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat nhar l-20 ta' Jannar 2011, talbu lill-Ewwel Qorti:

> *1. "Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment magħmul minn Salvatore sive Saviour Zammit fl-20 ta' Awissu 2010 permezz tan-Nutar Sandra Bugeja kien null u bla effett u ma jirrappreżentax l-aħħar volontà ta' l-istess Saviour Zammit minħabba nuqqas ta' kapaċità biex huwa jagħmel testment validu u peress li huwa kien fi stat mentali tant debboli li dan it-testment ma jirriflettix il-volontà tiegħu.*
>
> *2. Tillikwida l-assi ta' l-istess Salvatore sive Saviour Zammit.*
>
> *3. Tordna li l-assi hekk likwidati jiġu disposti bħalkieku t-testment tal-20 ta' Awissu 2010 qatt ma qas, u okkorendo taqsam l-assi ereditarji tal-mejjet Saviour Zammit f'porzjonijiet skond il-liġi.*
>
> *4. Tassenja dawn il-porzjonijiet lil kull wieħed u waħda mill-atturi.*

*5. Tinnomina Nutar biex jirċievi l-att ta' diviżjoni u taħtar kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-att tad-diviżjoni."*

3. L-atturi ressqu t-talbiet tagħhom abbażi tas-segwenti premessi:

*1. "Illi r-rikorrenti huma qraba tal-mejjet Salvatore sive Saviour Zammit, ġuvni li kellu karta tal-identità numru 159028M, u kien joqgħod 86, Triq San Pawl, Safi, f'liema abitazzjoni kien jgħix waħdu peress li ma kienx fadallu ħutu ħajjin.*

*2. Illi, kif jirriżulta mir-riċerki għal-testmenti, it-testatur Saviour Zammit għamel tliet testmenti: fl-2003. Fl-2009 u fl-2010.*

*3. Illi fl-2003 l-imsemmi Saviour Zammit ġie attakkat minn kriminali waqt li kien fir-razzett, rabtuh, sawwtuh gravament u serquh. Minn hemm, saħħtu bdiet sejra lura. Dejjem jibża' li jerġgħu jsawtuh il-ħallelin u jibki anke waqt li jkun miexi fit-triq.*

*4. Illi mill-1997 'il quddiem, John Cassar, li jiġi iben ir-rikorrenti Rosina Cassar, kien idur bih billi jmur jarah u jagħmillu l-affarjiet li jkollu bżonn. Iżda l-mejjet Salvatore Zammit kien ibati minn marda li affettwatlu moħħu.*

*5. Illi s-sitwazzjoni tiegħu kompliet tmur ħafna għall-agħar u huwa kien joħroġ barra t-triq u jmur il-knisja bil-ħmieġ tal-annimali ma' wiċċi, bi ħwejġu miksija bil-ħmieġ u mċappsin, u kien ikollu riħa insopportabbli li n-nies ma kienux jissaportu ħdejh u kienu jiċċaqilqu, u fuq hekk kien magħruf fir-raħal ta' Ħal Safi. Illi l-kundizzjoni medika tiegħu aggravat u ma kienx iżomm l-ikel, tant illi kien ipoġġi ħarqa.*

*6. Illi minkejja li kellu mezzi finanzjarji sostanzjali u ħafna proprjetajiet immobbli, Saviour Zammit kien juża bozza mwaħħla ġo holder u jmur minn kamra għall-oħra bl-extension tad-dawl u l-holder bil-bozza f'idu.*

*7. Illi jirriżulta 'prima facie' illi Philip sive Pinu Azzopardi kien akkompanjat mill-konvenut Philip sive Pinu Azzopardi għand in-Nutar Mario Buġeja fit-2 ta' Diċembru 2009 meta għamel it-tieni testment tiegħu li bih ħallielu b'titolu ta' legat in assoluta proprjeta l-għalqa magħrufa Tal-Ħlantun, fi Triq San Tumas Safi. Sa hawn, kien wasal Saviour Zammit.*

*8. Illi f'Mejju 2010, Saviour Zammit beda jgħid li kienu qegħdin jisirqulu l flus, u l-konvenut Pinu Azopardi mar għand avukat u nkarigah tikteb lill Manager ta' Bank of Valletta plc illi Salvu Zammit għandu kontijiet bankarji ma' Bank of Valletta u titlob għan-nom tiegħu biex ma jibqax jingħata servizz mill-impjegati tal-Bank Mark Agius u Dominic Ellul. Il konvenut ta din l-ittra lil John Cassar u qallu biex imur biha l-*

*Head Office tal-Bank. John Cassar mar u ħa miegħu lil Saviour Zammit.*

*9. Illi fl-aħħar jiem ta' Lulju 2010, huwa beda jgħid li kienu serqulu kollox u anke proprjetajiet ħadulu. Iżda meta John Cassar mar miegħu biex jivverifika jekk ittieħdux xi flus mill-Bank jew jekk naqsulux xi proprjetajiet, irriżulta li l-beni kienu għadhom hemm.*

*10. Illi f'nofs Awwissu 2010, Saviour Zammit kien ġie ammess fit-taqsima tal-Emerġenza tal-isptar Mater Dei għal kura urġenti. Iżda huwa ma riedx jibqa' l-isptar, u dan kontra l-pariri tat-tobba u speċjalisti, li avżawh li ma kienx jista' jgħix waħdu għaliex kien jeħtieġ attenzjoni kostanti. Minkejja dan, bl-appoġġ tal-konvenut Philip sive Pinu Azzopardi, it-testatur Saviour Zammit iddimetta ruħu minn Mater Dei. Imbagħad, il-konvenut wasslu d dar jiġifieri 86, Triq San Pawl, Safi, ħallih hemm u kollox reġa' kif kien qabel, jiġifieri Saviour Zammit kompla jgħix waħdu.*

*11. Illi jirriżulta 'prima facie'. Iżda li Saviour Zammit kien akkompanja lill konvenut Philip sive Pinu Azzopardi għand in-Nutar Sandra Buġeja (fl istess uffiċċju tan-Nutar Mario Buġeja) fl-20 ta' Awwissu 2010 meta għamel it-tielet testment tiegħu li permezz tiegħu:*

- *Fl-Ewwel Artikolu ħalla b'titolu ta' legat lill-Patrijiet tal Kappuċċini tal-Floriana: (a) id-dar numru 86, Triq San Pawl, Safi, (b) is-somma ta' €232,490.*

- *Fit-Tieni Artikolu ħalla b'titolu ta' prelegat lill-konvenut Philip sive Pinu Azzopardi in assoluta proprjeta' r-razzett, żewġ garages żgħar u ġardina, nkluż il-bhejjem kollha u dak kollu li jinsab fl-istessrazzett, fi Triq Lajżar, Ħal Safi.*

- *Fit-Tielet Artikolu nnomina bħala eredi universali, proprjetarju u padrun assolut ta' ġidu kollu għal wara mewtu lill-konvenut Philip sive Pinu Azzopardi. It-testatur iddikjara "illi Philip biss jieħu ħsiebu u bil-patt li jibqa' jieħu ħsiebu sakemm jiġi nieqes".*

*12. Illi lil qraba kollha tiegħu Saviour Zammit ma ħallielhom proprju xejn.*

*13. Illi s-Sibt, 28 ta' Awwissu 2010, meta Saviour Zammit ra lill-konvenut Philip sive Pinu Azzopardi qallu "ħa mmut", ġiet l-ambulanza u ġie meħud l-isptar Mater Dei, din id-darba mhux fit-tqasima tal-Emerġenza iżda fit Taqsima tal-Kura Intensiva. Il-kundizzjoni tiegħu kienet ħażina ħafna, kellu ħsara fil-pulmuni, fil-kliewi, infezzjoni ċerebrali, pressjoni għolja ħafna u diabete. Kien jinsab f'coma u mill-ewwel tqiegħed fuq il-magna tan-nifs (ventilated). Wara ċertu żmien f'dina l-qagħda tassew prekarja, fl-10 ta' Novembru 2010, Saviour Żamit miet.*

*14. Illi minn dan kollu premess u kif ser jirriżulta matul l-istadju tal-ġbir tal provi, Saviour Zammit, fl-istat debboli u aktar 'il quddiem, anke*

*prekarju, li kien jinsab fih, ġie maħkum u kkontrollat bis-sħiħ mill-konvenut Philip sive Pinu Azzopardi, b'mod illi fit-tielet testment datat 20 ta' Awwissu 2010 hemm biss il-volonta' tal-konvenut Pinu Azzopardi.*

*15. Illi t-testatur la kellu s-saħħa u lanqas ir-rieda u fakultajiet intellettwali sabiex ikun jista' jagħmel testment bil-libera volonta' tiegħu. Għall kuntrarju, it-testatur kien maħkum u kkontrollar mill-konvenut, b'mod li sar biss dak li ried il-konvenut, stante li t-testatur ma kienx għadu kapaċi skont il-liġi biex jersaq ħalli jagħmel testment.*

*16. Illi għalkemm il-konvenut ħa ħsieb biex jipprokura ċertifikat mediku rilaxxjat lilu mit-tabib Dr Anthony Gauci, dan it-tabib la għandu l kwalifiki fil-psikjatrija biex seta' jiddetermina l-gravita tal-qagħda interna tat-testatur, u lanqas ma jidher li għamel it-testijiet li solitament isiru minn psikjatri sabiex jiddeterminaw il-kapaċitajiet intellettwali tal-pazjent, u għalhekk iċ-ċertifikat minnu rilaxxjat ma jistax iservi biex jinnewtralizza l-qagħda tassew kritika li t-testatur kien jinsab fiha.*

*17. Illi għalhekk it-testment magħmul fl-20 t'Awwissu 2010 minn Saviour Zammit meta' diġa' kien f'qagħda ta' saħħa prekarja, mhuwiex validu skont il-liġi."*

4. Il-konvenut Philip sive Pinu Azzopardi ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"Illi preliminarjament l-intimat jeċċepixxi li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tilqa' r-rikors odjern stante illi dan sar abbużivament minn wieħed jew aktar mir-rikorrenti mingħajr l-għarfien u wisq anqas il kunsens tal-oħrajn, u dan qed jingħad b'ċertezza għal dak li jirrigwarda lil Pawlu Busuttil, Salvu Zammit u Carmela Polidano b'din tal-aħħar tkun mara anzjana li għada kemm għamlet operazzjoni l-isptar u ma kella ebda għarfien ta' dawn il-proċeduri, tant hu hekk li fil-fatt hi għamlet affidavit fejn iddisassoċjat ruħha minn din l-azzjoni, kif ukoll għar-rikorrenti oħra li għandhom jikkonfermaw jew le jekk huma qegħdin japprovaw li jkunu parti f'dawn il-proċeduri u li jafu l-import tal-istess proċeduri. Illi dan hu lampanti anke mill-fatt li meta ġie ntavolat l-ewwel rikors għall-mandat ta' inibizzjoni li ġie miċħud (90/11 GCD) dawn kienu rikorrenti, iżda fit-tieni rikors li ġie b'xi mod aċċettat dawn ma kienux rikorrenti (155/11 JZM);*

*Illi hemm qbil li kif jirriżulta mir-riċerki għal testmenti, it-testatur Saviour Zammit għamel tliet testmenti: fl-2013, fl-2009 u fl-2010;*

*Illi t-testment tal-20 t'Awwissu 2010 magħmul min Nutar Sandra Bugeja*

*huwa legalment validu u jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-liġi kif jirriżulta mill-Kap. 16 Art 597 (d). In fatti il-kapaċità hija r-regola (Vassallo vs Sammut XXXIV–1–112) (Pirotta vs Carbonara XXII–I– 91);*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux minnu li mill-1997 'l quddiem John Cassar, li jiġi iben ir-rikorrenti Rosina Cassar, kien idur bih billi jmur jarah u jagħmillu l-affarijiet li jkollu bżonn iżda kien l-intimat l unika persuna li kien jieħu ħsieb lil mibki Saviour Zammit ġuvni, li kellu karta tal-identità numru 159028M, u li kien joqgħod 86, Triq San Pawl Safi, u kieku stess dan kieku veru kien jintitola lill-imsemmi Cassar għal dritt ieħor u mhux revoka ta' testment. Jingħad ukoll li John Cassar mhux parti fil-kawża;*

*Illi l-allegazzjoni li l-mibki Salvatore Zammit kien ibati minn marda li affettwatlu moħħu hi inveritiera u qed tintuża minn Alfred Scerri u John Zammit sabiex dawn jagħmlu gwadann personali u kif ser jiġi ppruvat fil kors tal-kawża Salvatore Zammit kien persuna f'sikkitha li kienet taf x'qed tagħmel u minn verament kien iġibilha rispett. In fatti ma ngabet ebda prova b'xi inkapaċita testamentarja li tipprekludi lit-testatur li jagħmel testament validu skond il-liġi (vide Danastas vs Danastas, Appell Ċivili 28.5.1926);*

*Illi mhux minnu li Salvatore Zammit kien joħroġ barra t-triq u jmur il Knisja bil-ħmieġ tal-annimali ma' wiċċu, bi ħwejġu miksija bil-ħmieġ u mċappsin, u kien ikollu riħa insopportabbli li n-nies ma kienux jissaportu ħdejh u kienu jiċċaqilqu, u li fuq hekk kien magħruf fir-raħal ta' Ħal Safi.*

*Illi r-rikorrenti għandhom mhux biss jagħmlu prova tal-istat debboli u aktar 'il quddiem, anke prekarju, li kien jinsab fih Salvatore Zammit, kif dan ġie maħkum u kkontrollat bis-sħiħ mill-konvenut Philip sive Pinu Azzopardi, b'mod illi fit-tielet testment datat 20 ta' Awwissu 2010 hemm biss il-volonta tal-konvenut Pinu Azzopardi, kif ukoll jista' jagħmel testment bil-linera volonta tiegħu iżda għaliex it-testment in kwistjoni mhuwiex legalment validu fejn ir-rieda tat-testatur m'għandhiex tiġi osservata.*

*Illi jinkombi fuq ir-rikorrenti jippruvaw u jgħidu għaliex Dr Anthony Gauci m'għandhux il-kwalifiki fil-psikjatrija biex seta' jiddetermina l gravita tal-qagħda interna tat-testatur, u fuq kolox liema dispost tal-liġi qegħdin jagħmlu referenza għaliha l-istess rikorrenti li twassal għan nullita' ta' testament;"*

5. L-Ewwel Qorti wasslet għas-segwenti deċide:

*"Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-ewwel talba attriċi u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tat-talbiet.*

*L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-atturi."*

6. L-atturi Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Sylvia Zammit ressqu dan l-appell nhar it-8 ta' Ġunju 2020. Daħlet risposta tal-konvenut Philip sive Pinu Azzopardi nhar id-29 ta' Lulju 2020.

7. Fil-mori tal-appell mietet Maria Debono u l-atti ġew trasfużi fuq binha Joseph Debono. Permezz ta' nota ta' ċessjoni, nhar il-5 ta' Diċembru 2023, l-appellanti Sylvia Zammit u Joseph Debono rrinunzjaw għal kull interess f'dan l-appell u rtiraw l-appell interpost minnhom. Għaldaqstant, f'dan l-istadju l-appell qed jitressaq biss minn Rosina Cassar u Raphael Scerri.

**Fatti u Provi**

8. Din il-Qorti rat li l-għan tal-azzjoni hu li jiġi annullat l-aħħar testment ta' Salvatore Zammit li sar fl-atti tan-Nutar Sandra Bugeja nhar l-20 ta' Awwissu 2010:

*Saviour Zammit (1928-2010) miet ġuvni u improle.*

*L-atturi li baqgħu fil-kawża, ċioe` Rosina Cassar, Alfred Scerri, Maria Debono u John Zammit huma kuġini ta' Saviour Zammit.*

*Il-konvenut ma jiġix personalment minn Saviour Zammit, iżda l-ġenituri ta' martu jiġu kuġini ta' Saviour Zammit.*

*Fit-2 ta' Diċembru 2009 Saviour Zammit għamel testment fl-atti tan-Nutar Sandra Bugeja li permezz tiegħu huwa ħalla b'titolu ta' legat lill-*

*konvenut għalqa f'Ħal Safi (indikata fuq il-pjanta annessa mat-testment).*

*Fl-20 ta' Awwissu 2010 Saviour Zammit għamel testment "addizzjonali" fl-atti tan-Nutar Sandra Bugeja peress li ried iżid ma' dak li kien għamel ftit xhur qabel fit-2 ta' Diċembru 2009. Permezz tat-testment tal-20 ta' Awwissu 2010 huwa ddispona minn ġidu hekk:*

> *1. Ħalla b'titolu ta' legat lill-Patrijiet Kapuċċini tal-Furjana:*
> *(a) id-dar numru 86, Triq San Pawl, Safi;*
> *(b) is-somma ta' €232,940.*
>
> *2. Ħalla b'titolu ta' prelegat lill-konvenut ir-razzett, żewġ garages żgħar u ġiardina, inkluż il-bhejjem kollha u dak kollu li jinsab fl istess razzett fi Triq Lajzar, Safi, (kif jidher fuq il-pjanta annessa mat-testment).*
>
> *3. Istitwizza u nnomina lill-konvenut bħala l-eredi universali tiegħu, proprjetarju u padrun assolut ta' ġidu kollu. Iddikjara li l-konvenut biss jieħu ħsiebu u bil-patt li jibqa' jieħu ħsiebu sakemm jiġi nieqes.*

*Fil-21 ta' Awwissu 2010, Saviour Zammit waqa' waqt li kien id-dar.*

*Fl-24 ta' Awwissu 2010 huwa daħal l-emerġenza tal-isptar, u sarlu CT brain scan li minnu irriżulta li kellu "gross brain atrophy". Huwa ġie "discharged against medical advice".*

*Fid-29 ta' Awwissu 2010 huwa reġa' daħal l-emerġenza tal-isptar, iżda din id-darba kien f'qagħda kritika tant li spiċċa ittieħed l-ITU. Fin-noti mediċi ġie ndikat li meta daħal fl-emerġenza kellu "very poor general condition, poorly responsive, impossible to take history from patient". Jirriżulta li fil fatt kellu infezzjoni qawwija fil-pulmun li nfirxet mal-ġisem u anke kellu z-zokkor inkontrollabbli. Ma setax jieħu nifs waħdu. Huwa baqa' l-isptar sakemm miet fl-10 ta' Novembru 2010.*

*It-teżi tal-atturi hi li t-testment li għamel Saviour Zammit fl-20 ta' Awwissu 2010 huwa null u bla effett u ma jirrappreżentax il-volonta` tiegħu stante li minħabba l-istat mentali debboli tiegħu huwa ma kellux il kapaċita` biex jagħmel testment validu. (Huma ma humiex qegħdin jikkontestaw it-testment li sar xhur qabel, fit-2 ta' Diċembru 2009.)*

## Konsiderazzjonijiet Legali

### *Aggravju mid-Digriet tal-24 ta' Ġunju 2019*

9. L-ewwel nett din il-Qorti rat li dan id-digriet jaqra:

*"Rat it-talba tal-atturi biex il-Qorti taħtar espert radjografu.*
*Rat ir-risposta tal-konvenut fejn oppona għal din it-talba.*
*Peress li l-provi tal-atturi huma magħluqa;*
*Tiċħad it-talba*"

10. L-appellanti jargumentaw illi ġiet esebita CD bil-kopja ta' *CT Scan* li tikkonsisti f'*imaging* ta' moħħ it-testatur Saviour Zammit. Wara li xehed il-psikjatra *ex parte* mressaq mill-konvenut, il-Professur David Mamo, irriżulta illi ż-żewġ psikjatri *ex parte* li xehdu, u li ġew imressqa wieħed minn kull naħa, taw interpretazzjoni kunfliġġenti dwar l-istat mentali tat-testatur. Il-Prof Mamo fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2019 xehed in kontroeżami li psikjatra ma jistax jinterpreta r-ritratti tal-moħħ esebiti għaliex din l-interpretazzjoni għandha tingħata minn espert radjografu u li hu ma talabx ir-rapport ta' espert radjografu bl-għan li jkun jista' jirrelata, bl-aħjar mod, dwar l-assjem tad-data medika li hemm disponibbli fil-proċess:

| | |
|---|---|
| *"Av:* | *Iġifieri inti għamilt rapport tiegħek mingħajr ma ħarist lejn l- images hux hekk.* |
| *Xhud:* | *Jiena ir-rapport tiegħi ibbażajtu fuq ir- rapporti li tawni.* |
| *Av:* | *Allura l- imaging ma kienx disponibbli?* |
| *Xhud:* | *Kieku inħares lejn l- imagining u ngħati rapport filfatt inkun qed inkun inġust ma dil- qorti <u>għaliex jiena miniex espert biex filfatt nirraporta fuq dak l- iscan (parti kwotata mill-appellanti)</u> . L iscan ġie irraportat minn radiologist li huwa espert sewwa filfatt jiena alla ħares immur nirraporta għaliex jirrapurtawni il- medical council fuq scan , ir-radiologist li huwa espert qal li kien hemm gross atrophy iġifieri generelised etrophy illi* |

*wieħed jistenna għal xi ħadd tal –eta tiegħu .”*

11. Wara s-seduta tat-8 ta’ Marzu 2019, l-esponenti talbu l-ħatra ta’ espert mediku radjografu mill-Ewwel Qorti sabiex jgħid hu x’jirriżulta mill-prova li tinsab fis-*CD* ġja fl-atti tal-kawża, u biex ir-riżultanzi tiegħu jkunu a dispożizzjoni tal-Qorti, li ma għandhiex il-ħila teknika sabiex tinterpreta hi s-*CT scan* ta’ moħħ it-testatur. L-atturi rriżervaw ukoll li jitolbu l-ħatra ta’ Perit psikjatra indipendenti, u fil-fatt talbu li jiġi nnominat espert radjografu bir-riserva li jekk ikun il-każ aktar ‘il quddiem anke jitlob in-nomina ta’ espert psikjatra. Jargumentaw li f’seduti preċedenti d-difensuri tal-appellanti tennew li kien hemm bżonn li jiġi maħtur espert mediku *stante* li kien hemm provi ta’ natura medika iżda l-Qorti kienet tirrispondi li dak tarah aktar tard u għalhekk l-appellanti dejjem fehmu li dan ser jiġi kkunsidrat wara li jkunu disponibbli l-provi mediċi li kien ser iressaq il-konvenut. Din it-talba madankollu kienet miċħuda permezz tad-digriet tal-24 ta’ Ġunju 2019.

12. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti kellha tilqa’ t-talba għas-segwenti raġunijiet:

- Huma eżebew is-*CT scan* tat-testatur Salvatore Zammit li hi prova konkreta u oġġettiva dwar il-qagħda tiegħu f’Awwissu 2010 ftit ġranet biss qabel ma sar it-testment ikkontestat. Dan hu rekord ta’ kronika medika, aċċertabbli u verifikabbli li qiegħed fl-atti;

- Kopja tas-*CT scan* ta' moħħ Salvatore Zammit ingħata lill-atturi permezz ta' digriet tas-16 ta' Frar 2016 wara li kien beda l-istadju tal-provi tal-konvenut;

- Il-ħtieġa għall-ħatra ta' espert radjografu nqalgħet wara li xehed il-Prof Mamo li qal li ma kellux a dispożizzjoni tiegħu l-interpretazzjoni ta' espert radjoloġista, u li għalhekk il-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet kontenuti fir-rapport tiegħu huma msejsa fuq dan in-nuqqas. L-atturi ma kellhomx mezz biex ikunu jafu minn qabel illi l-Prof Mamo, għalkemm ma ħassux kompetenti biex jinterpreta awtorevolment is-*CT scan* li ġie esebit mill-attur, xorta waħda ħass li għandu jirrelata fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imsemmija *CT scan.*

13. L-appellanti jargumentaw li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha żewġ opinjonijiet diverġenti u żewġ xhieda diverġenti ta' Dr Joseph Spiteri fuq in-naħa attriċi u tal-Prof Mamo fuq in-naħa tal-konvenut u b'hekk kien impellenti li jinħatar espert mediku fil-materja sabiex janalizza l-'*images'* esebiti u li jaqra l-kontenut tal-immaġni mediċi esebiti. Is-sempliċi fatt li l-provi tal-atturi kienu magħluqa ma kienx ta' ostaklu għall-Qorti li tagħmel il-ħatra mitluba mill-esponenti, anzi dan seta' biss iwassal sabiex tingħata d-debità assistenza medika lill-Ewwel Qorti fid-dawl tal-konklużjonijiet *ex parte* opposti.

14. Fil-fatt l-Artikolu 644 tal-Kapitolu 16 jgħid illi l-prova bil-mezz ta' Perit jew Periti tiġi ordnata fuq talba tal-partijiet jew ta' waħda minnhom, inkella mill-Qorti minn jeddha. Ma hemm xejn xi jżomm lil Qorti milli tappunta espert f'kull stadju tal-kawża, partikolarment f'każ bħal dan fejn l-espert ma kien ser jiġbor l-ebda provi ġodda iżda sempliċiment jinterpreta prova eżistenti f'lingwaġġ li jista' jinftiehem minn min mhux espert, u fejn f'dak l-istadju tal-kawża l-interess li ssir ġustizzja hekk kien jirrikjedi. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti kellha 'x-xorti' li jkollha *brain scan* permezz ta' *computerised tomography* (*CT*) ta' moħħ it-testatur proprju fiż-żmien meta sar it-testment, ħaġa li rari tkun disponibbli f'kawża ta' din ix-xorta.

15. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba biex jiġi appellat id-digriet tal-24 ta' Ġunju 2019 permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Lulju 2019 u ċaħdet ukoll talba biex tirrikonsidra d-deċiżjoni tagħha permezz ta' digriet tas-6 ta' Settembru 2019 u dan għar-raġuni li ġew magħluqa l-provi. Hi l-fehma tal-appellanti li din il-Qorti għandha tirrevoka d-digriet tal-24 ta' Ġunju 2019 u tordna l-ħatra ta' espert mediku sabiex janalizza l-*images* ta' moħħ it-testatur esebiti fl-atti tal-kawża bir-riserva li jekk ikun il-każ jinħatar ukoll espert psikjatra kif mitlub mill-atturi u konsegwentement tħassar ukoll is-sentenza appellata tat-28 ta' Frar 2020 u tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti.

16. L-**appellat** jibda biex jagħmel referenza għall-kontroeżami tal-Professur David Mamo:

*"Av:* *Pero pero Profs bl-ikbar rispett hmm is- CT scan tat tieni okkazzjoni mhux qegħda tagħtik raġun għax qegħdha tgħid gross atrophy of the brain*

*Xhud:* *Dik spjegajta fir- rapport tiegħi bir- rispett kollu mingħajr ma naf l-etajiet kollha tagħna kollha hawn hekk sewwa jiddispjeċini ngħidilkom jekk ikollna nagħmlu CT scan jew MRI ilkoll kemm aħna ħa jkollna gross atrophy of the brain. Għaliex beyond age 40 nitilfu about 4.5 percent ta volume tal- moħħ iġifieri dik fiha infisha alla ħares qatt filfatt kellna nieħdu dik bħala klassi ta kapaċita għaliex.*

*Av:* *Gross*

*Xhud:* *Gross ma jfisser xejn kif rajt jiena gross delay person gross jara jew xi ħaġa kerha jew inkella grossa kbira ħafna le fil-patoloġija u radioloġija gross nitkellmu iġifieri fl- organu kollu .Eh iġifieri ma kienx hemm x' imkien speċifiku li kien inxtorob kullimkien dik tfisser gross hemm . Per ezempju nuzaw il-kelma gross anethomy iġifieri anatomija ġenerali mhux taċ-ċelloli filfatt ironikament dan imur kontra l- argument eh għaliex kieku vera kien hemm indikazzjoni ta dimensja qed ngħidu alzheimer' s waħda komuni ma jkunx hemm gross atrophy imma ħa tara etrophy speċifikament f' ċerta partijiet tal -moħħ mhux kullimkien…"*

17. Jargumenta li konvenjentement l-atturi jinsew jiċċitaw is-segwenti parti mix-xhieda tal-Prof Mamo:

*"Ir-ritratt iġifieri jiena miniex espert radioloġist grafiku tistgħu tqabbdu eh lil xi ħadd u jarahom il- problema ta din hija din fil CT scan diffiċli ħafna biex wieħed jaraf specific areas li jkunu atrophied sewwa dak trid dak li juzaw MRI"*

U

*"….jiena filfatt eh jiena filfatt qattajt il- karriera kbira tiegħi nagħmel brain imaging research sewwa iġifieri sirt professur fuq bazi ta scans li għamilt tal- moħħ eh"*

18. In *oltre* l-Prof Mamo jgħid ukoll is-segwenti fuq il-ħtieġa o *meno* ta' espert radjografu:

*"Av: Ma bagħthomx biex iqabdu radiolographer ?*

*Xhud: Barra minn Malta jiena li kieku klinikament sewwa nitlob biex nara l- iscan u nagħmel opinjoni a bazi ta dak li nara ma nkunx qed nagħmel sew la klinikament u lanqas lejn il-qorti , it- tieni ħaġa hija illi f'dak l- iscan kull ma ħa jista' juri għaliex CT scan m' għandux resolution tajjeb bizzejjed daqs MRI scan sewwa illi tara x' shrinkage ta' kullimkien diffiċli biex tara relative shrinkage ta' post minn ieħor iġifieri mhux se jkollu rilevanza u għalhekk filfatt ma tlabthomx biex jagħmluha*

*Av: Minuta Profs għax inti qed tgħid mhux se jkollu rilevanza li huwa general statement far reaching , jiena qed ngħid inti ma stajtx titlob illi radiographer jgħatik l interpretazzjoni tiegħu*

*Xhud: Ir-radiographer kien diġa ta' l- interprazzjoni tiegħu u t- tieni ħaġa forsi li maħniex qed nifhmu u naqblu tajjeb hija din , din hija prassi medika iġifieri hmm nifhem li jiena u int m'aħniex qed naqblu imma din hija prassi medika illi djanjosi ta' dimensja ma ssirx għal grazzja t' Alla a bazi ta' scan . La MRI scan u l- anqas CT scan jiena naħdem ma ħafna anzjani nara ħafna scans kemm CT's u kemm MRI's reports u CT patscans huma speċjalizzati eh sippost dawn tajjeb , u tara filfatt il- faults positive u faults negative tagħhom tant kemm huma għoljin illi ħadd ħadd fid- dinja ma jieħu deċizzjoni jekk xi ħadd għandu dimensja jew le a bazi ta' scan ."*

U

*"Imma huwa fil- realta huwa irrelevanti għaliex juri x' juri l- iscan il-kapaċita medika tal- persuna mentali ta' persuna hija ħaġa li tezaminha klinikalment mhux fuq scan u alla ħares kellna nagħmlu hekk . Jiena nara ħafna nies illi filfatt għandhom per ezempju kapaċita mentali baxxa ħafna u għandhom dimensja avanzata u l- iscan tagħhom ir- radiology jirrapurtah normali jew inkella bil- maqlub eh iġifieri is-sensitivita tal-iscanning nafu illi mhuiex tajjeb fid- dimensja anka scanning li huwa avanzat ħafna forsi fin- news taqraw fuq Betamoloids scanning dawn huma scans li juru id- deposits ta' dimensja speċifiċi l- anqas dawk ma jistgħu jgħidulek li għandek dimensja għax jekk nieħdu dil- kamra kullħadd ħa jkollu xi deposits ma jgħidulek xejn eh iġifieri l iscan fieħ innifsu f' dal kaz , ma kienx relevanti għaliex dawk ir-rizultati narawhom*

*il-ħin kollu .”*

19. Jargumentaw li huwa ċar skont ix-xhieda tal-Prof Mamo li radjografu ma huwa ser jagħti ebda informazzjoni ġdida u aktar minn hekk huwa ċar li l-qari/interpretazzjoni tas-*CT Scan* mhux ħa twassal għal konklużjoni peress li l-eżami li għandu jsir huwa wieħed kliniku u mhux tar-ritratt. Finalment jiġi rilevat kif l-appellanti dejjem ippreżentaw l-argument li hemm bżonn ta’ esperti meta kemm ix-xhieda tal-Professur Stephen Fava kif ukoll tal-Professur David Mamo huma l-ogħla esperti fil-kamp tagħhom u x-xhieda tagħhom hija ċara u konklussiva. Kien ċar biżżejjed f’dak l-istadju tal-kawża, wara li kemm l-atturi u l-konvenuti resqu talba kull wieħed sabiex il-Qorti taċċetta li jixhed espert, liema esperti ma kinux indikati, dwar il-prova li riedu jagħmlu. Donnhom l-atturi riedu jibqgħu jressqu l-esperti sabiex fl-aħħar wieħed minnhom jabraċċa t-teżi tagħhom. L-appellanti kellhom kull opportunità li jindikaw liema xhieda riedu jħarrku u jħarrkuhom f’waqthom.

20. Din il-Qorti rat:

i. li fil-15 ta’ Ġunju 2015, l-atturi ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi u l-kawża ġiet differita għall-4 ta’ Novembru 2015 għall-provi tal-konvenut[1];

[1] *Fol*. 417

ii. li l-verbali tas-seduti ma fihom l-ebda riżerva għall-ħatra ta' Periti ulterjuri (għalkemm fix-xhieda tat-Tabiba Rachel Agius l-Ewwel Qorti kkumentat *"Jekk ikun hemm bżonn anke naħtru Perit Mediku imbagħad jew inkella ex-parte, anke ex-parte*[2] u fix-xhieda tat-Tabib Juanita Galea l-Imħallef tal-Ewwel Qorti kkumentat *"Fil-każ naħtru espert fil-linja"* meta bdew isiru mistoqsijiet rigward il-*gross brain atrophy*[3]);

iii. li l-kawża kienet ilha għaddejja tmien snin meta saret it-talba għall-ħatra tal-esperti u li din saret wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

21. Din il-Qorti rat ix-xiehda ta' diversi tobba u konsulenti fuq il-kwistjoni tal-*gross brain atrophy*.

22. Tibda biex tqis li l-Qorti ma għandha l-ebda obbligu li tappunta espert u li kif ġie meqjus fil-kawża fl-ismijiet **Rennie (Redeemer) Abela v. Moira (Maria) Abela ġia Camilleri sive Moira (Maria) Abela Camilleri,** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Novembru 2023, il-ħatra ta' espert hi materja fakoltativa u mhux mandatorja:

> "45. Ingħad aktar minn mitt sena ilu mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Michael'Angelo Mallia et v. Constantino Micallef*** deċiża fit-22 ta' Marzu, 1911, li l-ħatra ta' espert hija fakoltattiva u mhux mandatorja fuq il-Qorti, u li "*tale dispendioso rimedio si deve ricorrere soltanto laddove le particolari circostanze e le considerazioni techniche, alle quali il giudicante fosse del tutto estraneo, lo consentissero."* Maqlub għall-Malti jfisser: li ladarba r-rimedju tal-espert huwa wieħed li jista' jipprovoka nefqa kbira, allura huwa xieraq li dan ir-

[2] *Fol*. 95
[3] *Fol.*190

> rimedju għandu jintuża biss f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ikun hemm bżonn ta' konsiderazzjonijiet tekniċi li dwarhom il-ġudikant ma jkollux għarfien.
>
> 46. Tajjeb illi jingħad ukoll li l-konsulenza teknika ta' espert isservi mhux biss bħala mezz ta' prova li hija disponibbli għall-partijiet iżda sservi wkoll bħala mezz biex jgħin lill-ġudikant jaqta' kwistjonijiet diffiċli dwar punti tekniċi li fuqhom huwa jkollux dehen (ara ***Geswalda Saliba v. Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-9 ta' Settembru, 2008)."

23. Meqjusa l-provi mediċi in atti jiġi rilevat li hemm nuqqas ta' qbil bejn l-esperti mqabbdin mill-partijiet dwar jekk ir-riżultat tas-*CT scan* li juri atrofija tal-moħħ jwassalx għal dimenzja. Filwaqt li l-espert tal-atturi jgħid li l-*gross brain atrophy* twassal għal dimenzja fi grad ogħla, ta opinjoni għal kollox differenti l-espert mediku *ex parte* tal-konvenut. Infatti mix-xhieda mressqa din il-Qorti tasal għall-fehma li l-kontestazzjoni ma tirrigwardax jekk kinitx teżisti *gross brain atrophy*, xi ħaġa li jidher li għandu jiddetermina radjologu, iżda jekk dik il-*gross brain atrophy* twassalx għad-dimenzja, li jidher li hi materja li jiddetermina psikjatra.

24. Xhieda oħra kienet tal-anestatista Juanita Galea u l-Professur Stephen Fava, li xehdu b'mod ġenerali fuq il-kwistjoni tal-*gross brain atrophy* u jidher li jaqblu li din hi kondizzjoni li sofra minnha t-testatur. Issa fil-waqt li xhud minnhom xehed li din hi normali f'persuni ta' età avvanzata, xhud ieħor xehed li ma hemmx korrelazzjoni bejn atrofija u funzjoni mentali iżda li persuna tista' tiġi affettwata minħabba fiha.

25. Issa huwa minnu li ma tressaq l-ebda espert radjologu biex jispjega is-*CT scan* iżda kif ingħad il-kwistjoni hi relatata mal-korrelazzjoni bejn il-*gross brain atrophy* u d-dimenzja u mhux l-eżistenza tal-*gross brain atrophy.*

26. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi u ġia tenut skont il-provi u xhieda mressqa, din il-Qorti ma tqisx li hemm raġuni li jiġu appuntati esperti ulterjuri u b'hekk sejra tiċħad dan l-aggravju.

***Aggravju frott is-Sentenza tal-Ewwel Qorti***

27. L-appellanti jargumentaw, b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, li għalkemm l-apprezzament tal-fatti mill-Ewwel Qorti ma għandux jiġi ddisturbat mill-Qrati superjuri, reviżjoni hi konsentita fejn jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konklużjoni tagħha. Jisħqu li dan hu l-każ odjern għaliex l-Ewwel Qorti għamlet analiżi pjuttost superfiċjali tal-provi, skartat provi oġġettivi mediċi li kellhom jingħataw il-piż appożitu fid-dawl tal-verżjonijiet suġġettivi differenti u ma apprezzatx li jeżistu fatturi li kellhom iwassluha sabiex ma tistrieħx fuq ix-xhieda tan-Nutar Mario Bugeja u n-neputija tiegħu n-Nutar Sandra Bugeja, li ppubblikat it-testment mertu tal-kawża fuq ċertifikat rilaxxat mit-tabib Dr Anthony Gauci. Kuntrarju għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, analiżi anqas superfiċjali u aktar profonda tal-kontenut tat-testment tal-20 ta' Awwissu

2010 mertu ta' din il-kawża ma tistax twassal għal konklużjoni fl-affermattiv dwar ir-raġjonevolezza tad-dispożizzjonijiet tat-testment.

28. Għalkemm l-Ewwel Qorti għamlet elenku ta' xhieda u dokument, naqset milli tgħarbilhom sew u tieħu kont tal-*files* mediċi tal-isptar. Jidher li l-Ewwel Qorti strieħet kważi b'mod esklussiv fuq ix-xhieda tan-Nutara Mario Bugeja u Sandra Bugeja u tat-Tabib Dr Anthony Gauci tant li fis-sentenza stess tagħmel referenza għal din ix-xiehda u rriproduċiet l-affidavit tan-Nutar Mario Bugeja *in toto* u rriproduċiet il-konklużjoni tat-Tabib Gauci. Iżda hemm raġunijiet validi għaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuqhom u minflok tistrieħ fuq provi oġġettivi mediċi. Hu stabbilit fil-ġurisprudenza li fejn il-Qorti taffronta verżjonijiet konfliġġenti, il-Qorti tistrieħ fuq indizji u provi indipendenti li jagħtu piż aktar lil verżjoni minn oħra u li għandhom jwasslu għall-konvinzjoni morali tal-ġudikant u għalhekk kellhom jingħataw importanza d-dokumenti tal-isptar u x-xhieda independenti tat-tobba kollha ta' Mater Dei, fosthom il-Professur Stephen Fava u Dr Brendon Attard Montaldo fil-kuntest tal-Artikolu 597(d) tal-Kapitolu 16.

29. Jargumentaw li l-Artikolu 597(d) tal-Kapitolu 16 jiddisponi li persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, anke jekk mhux interdetti, huma nkapaċi li jiddisponu minn testment. Kundizzjoni tfisser kundizzjoni li tagħmel persuna nkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, nuqqas fiżiku, mentali,

intellettwali jew sensorjali għal żmien twil li flimkien ma ostakoli diversi jillimita lil persuna milli tipparteċipa b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjetà b'mod ugwali daqs l-oħrajn.

30. L-appellanti jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma ħarsitx sew il-portata ta' dawn il-provvedimenti tal-liġi fid-dawl ta' dak li jirriżulta mid-dokumenti tal-Isptar u mix-xhieda tat-tobba dwar il-kundizzjoni tat-testatur ftit jiem biss wara li għamel it-testment mertu tal-kawża. Jiġi premess li skont il-konvenut stess, it-testatur nstab minnu stess mal-art l-għada li sar it-testment u kien tlett ijiem wara, fl-24 ta' Awwissu 2010, li ħadu l-isptar bl-għajnuna tal-*wheel chair.* Mid-dokumenti tal-Medical Imaging Department tal-Isptar, joħroġ li skond l-X-Ray li sar lit-testatur, ġie nnotat *significant OA changes in both hips* ma *LT scoliosis and extensive degenerative changes in L/S spine.* Kuntrarjament għal dak ritenut mill-intimat li ma sarlu l-ebda *test* ieħor, jirriżulta li sarlu *CT scan* fejn ġie konstatat li kellu *Gross Brain Atrophy.* Ġie traskritt ukoll li kien *immobile.* Kontra parir mogħti, t-testatur ma baqax l-isptar u ħa r-responsabbiltà l-konvenut għar-rilaxx tat-testatur. Ta' min jinnota wkoll li mid-dokumenti tal-emerġenza tal-24 ta' Awwissu 2010, jirriżulta li Saviour Zammit qal lit-tabib li hu kien waqa' dakinhar stess wara nofsinhar (*since early afternoon)* minkejja li kien ilu tlett ijiem li waqa' u dan juri l-istat mentali li kien fih it-testatur.

31. Ħamest ijiem wara, fid-29 ta' Awwissu 2010, t-testatur ġie riferut mill-ġdid l-Isptar fejn ittieħed b'ambulanza u fl-*admission sheet* jingħad li *he was referred by GP with severe deterioration in his general condtion, weak and short of breath* u li kellu *very poor general condition, weak and short of breath* u *very poor general condition, poorly responsive; impossible to take history from patient*. Skont Dr Mark Gruppetta kellu d-deni u *saturation* tal-ossiġnu (83%). Il-*primary diagnosis* kienet *sepsis* u skond il-*Medical Imaging Department* kellu *heart moderately enlarged to the left* u minħabba saħħtu t-testatur iddaħħal l-ITU għaliex ma kienx tajjeb li jmur ġewwa sala u kellu bżonn kura intensiva. Fi kliem Dr Brandon Caruana Montalto, biex tidħol l-ITU trid tkun marid ħafna u skont Dr Jeffrey Bonnici, trid tkun fil-periklu tal-mewt. Dr Rachel Agius tiddeskrivi li t-testatur kellu infezzjoni qawwija b'riżultat li kellu *diabetic ketoasidosis* (fejn iz-zokkor fil-ġisem jisfa' mhux ikkontrollat) u Sepsis (infezzjoni fid-demm). Dr Jeffrey Bonnici jispega li *Septic Shock* hi infezzjoni li f'dan il-każ ġietu minn infezzjoni fil-pulmun u marritlu fid-demm u minn test magħruf bħala *Glasgow Coma Scale* nstab li l-pazjent ma tantx kien konxju (*poor responsive)* fi skala 8. Skont it-Tabiba Juanita Galea, it-testatur kien in a *comatose state*. L-infermiera Claire Zarb Adami ukoll iddikjarat li l-kundizzjoni tal-pazjent kienet ħażina b'*heart rate* ta' 38 u pressjoni baxxa ħafna *obtunding (*bla saħħa) u *echnipic* (għajjien ħafna, ma jistax jiftaħ għajnejh u ma jistax jirrispondi). It-testatur kien mgħejjun ukoll bil-ventilazzjoni artifiċjali. It-Tabib Anthony Gauci rrefera lit-testatur

l-isptar meta kien f'qagħda akuta , ibati minn *heart failure* b'nifsu maqtugħ.

32. Fil-fehma tal-appellanti ma jistax ikun iddubitat li t-testatur kellu problemi mediċi varji akuti, kompriżi f'*organic brain syndrome* u li din il-qagħda ma tfaqqasx mil-lum għal għada iżda kienet teżisti meta saret it-testment u għalhekk tinkwadra fil-parametri ta' dak maħsub fl-Artikolu 597(d) tal-Kapitolu 16. Fil-fehma tal-appellanti, l-fatturi li semmiet l-Ewwel Qorti, ma jbiddlux tali konklużjoni.

33. Jargumentaw li mat-testment tal-20 ta' Awwissu 2010, hemm mehmuż ċertifikat mediku tal-*general practitioner* Dr Anthony Gauci, u testment preċedenti tat-2 ta' Diċembru 2009. Dr Gauci ċċertifika lit-testatur bħala mentalment f'sikktu u niżżel *"To certify that I have today examined the above who has been under my care for the past years. He is fully conscious and totally oriented to time, place and person. He has no delusions or paranoid ideas".* Jargumentaw, li dan iċ-ċertifikat ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' ċertifikat mediku għall-iskop tal-assessjar tal-kapaċità testamentarja ta' persuna vulnerabbli u dan anke b'referenza għall-kitbiet akkademiċi u ġurisprudenza Ngliża riprodotta f'ġurisprudenza tal-Qrati tagħna magħrufa bħala *the golden rule*.

34. Iċ-ċertifikat mediku anness mat-testment impunjat ma jikkorrispondix għall-ebda waħda mill-kriterji legali delinejati u ma jidhirx li

jista' jitqies suffiċjenti bi kliem ġeneriku jekk mhux ukoll gratuwitu. Ikkunsidrat li bil-kontra taċ-ċertifikat mehmuż mat-testment tas-sena 2009, it-testatur ma kienx baqa' *of good health* u dan kellu jkun indikattiv għall-istess tabib, dan aktar u aktar fid-dawl tal-kondizzjoni medika li nstab li kien affetwat bihom it-testatur ftit ġranet wara. Anke l-psikjatra *ex parte* David Mamo afferma li l-*assessment* ta' Dr Anthony Gauci ma setax jitqies bħala *full assessment* ta' kapaċità mentali.

35. Għalkemm fl-ewwel ċertifikat it-Tabib Gauci nnota li nkluda li t-testatur: *"He has always been of good health. I have re-examined him today to assess his mental qualities"* dan mhux inkluż fit-tieni ċertifikat. Għalhekk tqajjem dubju serju fil-kors tal-kontroeżami.

36. L-appellanti jargumentaw li ftit għandha tingħata importanza l-opinjoni suġġettiva tan-Nutar li t-testatur kien jinsab fil-pieni poteri mentali tiegħu u dan aktar u aktar fejn il-provi jindikaw il-kuntrarju. B'referenza għall-awturi kontinentali, dikjarazzjonijiet ta' dawn it-tip m'humiex prova għaliex f'dak il-perjodu qasir mhux possibbli li jiġi ġġudikat l-istat tat-testatur. In *oltre* ma jidhirx li l-Ewwel Qorti kkunsidrat fid-dettall l-affidavit tan-Nutar Mario Bugeja u dan għaliex jidher li hemm ċertu kontradizzjonijiet. Eżempju jgħid "*up to that day he found nobody deserved it"* meta fil-fatt it-testatur diġà kellu żewġ testmenti oħra, wieħed fl-2003 u l-ieħor fl-2009 u għalkemm fl-affidavit qal li "*He(Saviour Zammit)*

*never wanted to appoint an heir as he always told me that up to that he had found nobody deserved it and was thinking of leaving all to some religious institution",* fir-realtà sat-2 ta' Diċembru 2009 it-testatur ħalla bħala eredi tiegħu lil qraba tiegħu skond ir-regoli tas-suċċessjoni *ab intestato.* Wieħed għandu jifhem li meta t-testatur għamel it-testment fl-2003 u fl-2009 kien jaf min kienu ser ikunu l-eredi tiegħu u mhux minnu dak li xehed in-Nutar Bugeja li t-testatur kien jgħidlu li ma ried iħalli xejn lil qraba tiegħu "*he used to tell me that he did not trust his cousins all they wanted was his money. He always stated that he did not want to leave anything to his cousins*". Diffiċli wieħed jifhem għaliex in-Nutar Bugeja jgħid li "*He specifically stressed that he did not want to leave anyhing to John Cassar",* meta dan ma kienx kuġin tiegħu u qatt ma kien ser jirtu. Fil-fatt hi omm John Cassar li hi l-kuġina tat-testatur u għandha żewġt itfal oħra.

37. Fl-affidavit tiegħu n-Nutar Bugeja jgħid ukoll illi "*But when Philip Azzopardi started to take care of him he started to change his mind. He had told me that Pinu appeared to be very trustworthy and was very respectful"*. Jekk il-konvenut beda jieħu ħsieb lit-testatur qabel it-testment tat-2 ta' Diċembru 2009, diffiċli wieħed jifhem kif in-nomina tal-konvenut bħala eredi uniku ma saritx fit-testment tal-2009 u jidher li f'moħħ it-testatur kumpens fil-forma ta' legati kien suffiċjenti. Hu relevanti li n-Nutar Bugeja ma kienx jaf iwieġeb il-mistoqsija għaliex fl-aħħar testment tal-20

ta' Awwissu 2019, t-testatur ħalla b'laxxitu ta' prelegat lill-konvenut meta fl-istess waqt innominah werriet assolut. Da parti tagħha n-Nutar Sandra Buġeja, li rrediġiet it-testment, tgħid li ma tiftakarx jekk spjegatlux għaliex għamel hekk u jekk it-testatur kienx akkumpanjat mill-konvenut anke jekk in-Nutar Mario Bugeja stess jgħid li t-testatur kien diġà beda jmajna u kien magħruf li t-testatur kien ristrett ġo *wheelchair* u ċertament ma kienx possibbli li minn Ħal-Safi jmur fl-uffiċċju tan-Nutar fiż-Żurrieq b'dan il-mezz ta' trasport. Intant in-Nutar Mario Bugeja ħa ħsieb jagħmel l-affidavits ta' John Busuttil u Francis Zammit li ressaqlu l-konvenut.

38. Għalkemm in-Nutar Mario Bugeja jgħid li kien preżenti meta sar it-testment, in-Nutar Sandra Bugeja tgħid li ma setax ikun preżenti. Hu għalhekk diffiċli wieħed jifhem kif l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tistrieħ fuq l-affidavit tan-Nutar Bugeja. Kien hemm kontradizzjonijiet oħra fir-rigward ta' jekk in-Nutar Sandra Bugeja ttajpjatx it-testment dak il-ħin. In-Nutar Mario Bugeja xehed ukoll li ħadem darba biss lil konvenut meta mir-riċerki jidher mod ieħor. Għalhekk hu stramb kif xehed li ddejjaq jagħmel it-testment hu.

39. Il-psikjatri Joseph Spiteri u David Mamo jagħtu tifsila opposta in kwantu għal portata tal-prova tal-*gross brain atrophy* skopert fis-*CT scans* mir-radjoloġisti. F'tali kuntest, l-Ewwel Qorti kellha tagħti piż appożitu lil fehma espressa mill-Profs. Stephen Fava addett fl-ITU, partikolarment

għaliex dan la għandu minn parti u lanqas minn oħra u ma hemmx dubju li hu xhud indipendenti. Il-Prof Fava fisser kif il-*gross brain atrophy* huwa stat deġenerattiv progressiv fil-*grey matter* tal-moħħ, f'liema hemm maħżun il-memorja, il-mod ta' kif issir il-komunikazzjoni fil-bniedem u kif dan jiffunzjona u jirraġuna. Skont fehmtu hemm assoċjazzjoni bejn atrofija u dimenzja u ċ-ċans hi li aktar ma jkollox *gross* aktar ikollok deterjorazzjoni. Din l-ispjega baqgħet intatta u fil-fehma tal-appellanti kellha tirradika l-konvinzjoni illi l-menti tat-testatur ma setax ma kienx affettwat serjament waqt il-pubblikazzjoni tat-testment.

40. L-Ewwel Qorti għamlet biss aċċenn qasir għax-xhieda tal-Prof Fava biex iddeċidiet li t-testatur kellu l-kapaċità mentali li jagħmel testment u ma tat l-ebda raġuni l-għaliex kienet qed tiskarta leġġerment ix-xhieda indipendenti tal-Prof Fava, li żgur ma għandu xejn x'jiggwadanja minn dan il-każ. Kien l-obbligu tal-Qorti li tifli din ix-xhieda u ttiha piż opportun flimkien ma provi mediċi oġġettivi fuq senjalati. In *oltre* l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tiskarta l-opinjoni *ex parte* tal-psikjatra Joseph Spiteri billi skont hi ma setax jikkonferma mija fil-mija li Saviour Zammit ma kienx kapaċi jagħmel testment. Dan hu raġunament infeliċi.

41. L-Ewwel Qorti donnha stenniet xi konferma mija fil-mija u dan hu skorett billi ebda professjonist serju fiċ-ċirkostanzi ma jista' jesprimi l-fehma mija fil-mija u kieku ġiet espressa xi opinjoni f'dan is-sens kif kien

iżjed propost jagħmel ix-xhud *ex parte* li tella l-konvenut, dan kien ikun fattur li jimmilita kontra l-akkoljiment ta' konklużjoni tant ażżardata. Apparti minn hekk u skont il-ġurisprudenza nostrana dak li tfittex il-Qorti mhuwiex konferma mija fil-mija iżda wara li teżamina ż-żewġ verżjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji u fuq bilanċ tal-probabbiltajiet u tal-preponderanzi tal-provi huma ġeneralment suffiċjenti għal konvinċiment tal-ġudikant. L-Ewwel Qorti kellha tagħti importanza tax-xiehda indipendenti tal-Prof Stephen Fava li mhux biss ikkonferma li t-testatur kellu *gross brain atrophy* iżda spjega x'effett ikollha tali kundizzjoni fuq il-moħħ tal-bniedem u r-relazzjoni tagħha mad-dimenzja.

42. B'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, l-appellanti jisħqu li t-testatur irid ikollu l-intellett u l-volontà li jifhem l-azzjonijiet li jkunu qed jeżerċitaw in-nies ta' madwaru u l-kapaċità li jilħaq intenzjonijiet speċifiċi u razzjonalità tal-kontenut tat-testment mhijiex biżżejjed biex juri li hemm kapaċità testamentarja iżda n-nuqqas ta' razzjonalità spiss twassal għall-konklużjoni li t-testatur ma kellux *sound mind.* L-Ewwel Qorti qalet:

> *<<...ma tara xejn li jista' jitqies bħala irraġonevoli fit-testment tal-20 ta' Awwissu 2010. It-testatur kien raġel mingħajr ulied u għażel li jistitwixxi lill-konvenut bħala l-eredi universali tiegħu. Fil-fatt anke t-testment tal-2009 (li mhux ikkontestat mill-atturi) juri li Saviour Zammit kien irid lill-konvenut jibbenefika mill-ġid tiegħu tant li ħallielu għalqa b'titolu ta' legat; imbagħad xhur wara, permezz tat-testment tal-2010 iddeċieda li jinnominah bħala eredi universali. Il-provi juru wkoll li l-konvenut kien jieħu ħsieb Saviour Zammit u anke jgħinu fl-għalqa (dan hu anke kkonfermat minn xiehda prodotti mill-atturi) u l-kontenut tat-testment jirrifletti kemm Saviour Zammit kien rikonoxxenti ta' dan.>>*

43. Fil-fehma tal-appellanti analiżi iżjed profonda tat-testment tqajjem dubji serji dwar ir-raġjonevolezza u l-kontenut tiegħu li żgur ma jistax iwassal għall-konklużjoni li t-testatur kellu l-kapaċità mentali neċessarja kif donnha kienet tal-fehma l-Ewwel Qorti meta tat iżjed importanza lil dan il-fattur milli lil provi mediċi fuq imsemmija. Ma huwa razzjonali xejn li fit-testment tal-20 ta' Awwissu 2010 it-testatur ħalla prelegat lil konvenut meta fl-istess nifs istitwieh bħala eredi universali uniku u dan għaliex il-prelegati jiġu mħollija lill-eredi meta dan ikun nominat ma eredi oħra. Ma jagħmel l-ebda sens li l-legatarju jitlob legat minnu nnifsu u fil-fatt l-Artikolu 726 tal-Kapitolu 16 jassumu li l-werriet waħdieni u l-legatarju huma persuna differenti. Ma jagħmel anqas sens li t-testatur kien ser iżid mat-testment ta' qabel flok iħassru

44. Skont l-Ewwel Qorti tressqu provi li wrew li l-konvenut kien jieħu ħsieb it-testatur iżda l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni fattur ieħor u ċjoè li jekk il-konvenut kienx jieħu ħsieb lit-testatur sa minn qabel l-2009, għaliex ma kienx ġie nnominat qabel. Il-legat imħolli lil Patrijiet Kappuċini anqas ma jista' jagħti xi konferma dwar ir-raġjonevolezza tat-testment, anzi forsi kienet raġuni li ntużat biex it-testatur, dgħajjef riesaq lejn il-mewt, jiġi persważ jagħmel testment ieħor. Kif qalet l-Ewwel Qorti la t-testatur kien reliġjuż u ta' fidi, diffiċli wieħed jifhem kif lanqas ħalla quddiesa għal ruħ ommu u missieru.

45. Fuq bilanċ tal-probabbiltajiet, tenut kont il-qagħda prekarja li kien fiha t-testatur jidher ukoll li kien tabilħaqq il-konvenut li wassal lit-testatur jagħmel it-testment għand in-Nutar. Iċ-ċertifikat tat-Tabib Gauci u t-testment saru fl-istess ġurnata u jisħqu li wara li sar iċ-ċertifikat il-konvenut baqa' sejjer għand in-Nutar fil-ħdax ta' filgħodu. Ma jitwemminx li t-testatur mar mingħajr ma qal lill-konvenut meta ma kienx f'qagħda li jimxi jew jinżel ir-rampa. Fil-waqt li l-konvenut jibqa' jinsisti li t-testatur kellu moħħu mija fil-mija r-rekords ta' Mater Dei juru mod ieħor. Apparti minn hekk il-konvenut ma pprovax illi l-atturi kienu abbandunawh jew li riedu joħdulu flusu. Dan sempliċiment mhux minnu.

46. Fil-fehma tal-appellanti għandu jiġi kkunsidrat dak rifless f'deċiżjonijiet tal-Qrati Ngliżi li "*Where a person was old, ill and feeble and has cognitive defects or is a person with acquired brain damage, psyschatric condition or intellectual disabilities reducing their capacity to appreciate what they are doing and make decisions, they were sometimes encouraged by unscrupulous family members or 'new found friends' to make wills in their favour.*"

47. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

- ***<u>"Il-kapaċità mentali neċessarja sabiex wieħed jagħmel testment:</u>***

> *L-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni tan-nullita` tat-testment tal-20 ta' Awwissu 2010 abbażi tal-allegata inkapaċita` mentali ta' Saviour Zammit fil-mument li huwa għamel tali testment.*

*Jiġi ppreċiżat li għalkemm fil-premessi tar-rikors ġuramentat hemm l-allegazzjoni li Saviour Zammit kien "ikkontrollat" mill-konvenut, din il-kawża għal dikjarazzjoni tan-nullita` tat-testment hija fil-fatt ippernjata fuq l-allegata inkapaċita` mentali ta' Saviour Zammit, u mhux fuq xi vizzju tal-kunsens minħabba biża' jew qerq jew theddid da parti tal-konvenut. Għalhekk mhux il-każ li din il-Qorti tixtarr il-provi minn tali lenti, iżda mil-lenti tal-kapaċita` mentali o meno ta' Saviour Zammit.*

*L-Artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi huma inkapaċi jiddisponu b'testment:*

> *"dawk li, għalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment".*

*Fil-kawża "**Carmen Micallef et vs Madalena Galea**", il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, wara li qieset l-imsemmi Artikolu 597(d) u eżaminat f'ċertu dettall il-ġurisprudenza nostrana u estera dwar il-kapaċita` testamentarja, kif ukoll l-insenjament ta' diversi ġuristi fir-rigward, ħasset li l-kwistjoni dwar il-kapaċita` testamentarja għandha tiġi regolata kif ġej:*

*"1. Li l-kapacita` testamentarja hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eċċezzjoni; għalhekk l-inkapacita` jekk ma tkunx irrizultat b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoci, u ma jkunx ġie pruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qiegħed jagħmel it-testment, it-testment ma jistax jiġi mħassar; biex tiġi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizji gravi;*

*2. Li a tenur tal-Kap 16 art 597 (d) huma nkapaċi li jiddisponu b'testment dawk li għalkemm mhux interdetti ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment;*

*3. Meta testatur jagħmel testment irid jifhem l-effetti tat-testment, in-natura u valur tal-proprjeta` li qiegħed jiddisponi minnha, min huma l-qraba, ħbieb u nies li ħaqqhom jibbenefikaw mill-proprjeta` tiegħu kif ukoll li japprezza u jikkompara dak li għandu jħalli lil kull wieħed u waħda minnhom.*

*4. Li testatur ikollu intellett u volonta` li jifhem l-azzjonijiet li jkunu qed jeżerċitaw in-nies ta' madwaru u għandu l-kapaċita` li jilħaq intenzjonijiet speċifiċi;*

*5. Ir-razzjonalita` tal-kontenut tat-testment mhux biżżejjed biex juri li hemm kapaċita` testamentarja iżda n-nuqqas ta' razzjonalita` spiss iwassal għall-konklużjoni li t-testatur ma kellux sound mind.*

*6. Li biex wieħed jagħmel testment ma hemmx bżonn "una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio` che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie" (ara sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Turin tal-4 ta' Frar, 1871);"*

*...*

- ***Ir-raġonevolezza o meno tat-testment***

*Iż-żewġ partijiet jagħtu verżjonijiet konfliġġenti dwar x'kienet ix-xewqa tad-defunt fir-rigward ta' ġidu. Hekk per eżempju min-naħa tal-atturi, hemm xhieda bħal Raphael Scerri, Joe Cassar u Maria Debono li jsostnu li Saviour Zammit kien qal "kemm-il darba" li ried iħalli l-wirt tiegħu lill-kuġini; min-naħa tal-konvenut hemm xhieda bħan-Nutar Mario Bugeja, u adirittura kuġini tad-defunt stess (li mhux parti fil-kawża) bħal John Busuttil u Francis Zammit li jsostnu invece li Saviour Zammit kien jgħid li lill-kuġini ma kien ser iħallilhom xejn iżda li kien irid iħalli ġidu lill-konvenut u lill-knisja.*

*Din il-Qorti ma tara xejn li jista' jitqies bħala irraġonevoli fit-testment tal-20 ta' Awwissu 2010. It-testatur kien raġel mingħajr ulied u għażel li jistitwixxi lill-konvenut bħala l-eredi universali tiegħu. Fil-fatt anke t-testment tal-2009 (li mhux ikkontestat mill-atturi) juri li Saviour Zammit kien irid lill-konvenut jibbenefika mill-ġid tiegħu tant li ħallielu għalqa b'titolu ta' legat; imbagħad xhur wara, permezz tat-testment tal-2010 iddeċieda li jinnominah bħala eredi universali. Il-provi juru wkoll li l-konvenut kien jieħu ħsieb Saviour Zammit u anke jgħinu fl-għalqa (dan hu anke kkonfermat minn xiehda prodotti mill-atturi) u l-kontenut tat-testment jirrifletti kemm Saviour Zammit kien rikonoxxenti ta' dan.*

*Ta' sinifikanza wkoll huwa l-fatt li ż-żewġ partijiet jaqblu li kien raġel tal-knisja. Fil-fatt anke l-Kappillan ta' Ħal Safi* ***Dun Joseph Cilia*** *xehed li Saviour Zammit kien bniedem "li jagħti każ ħafna ta' ruħu, kuljum il-Knisja". Għalhekk il-fatt li fit-testment tal-2010 ħalla lill-Patrijiet Kapuċċini tal-Furjana legat sostanzjali (ossia id-dar numru 86, Triq San Pawl, Safi u s-somma ferm ġeneruża ta' €232,940) huwa turija ta' kemm it-testment kien fil-fatt kompatibbli mal-karattru tiegħu, u allura riflessjoni tal-volonta` tiegħu.*
*.....*
*In vista tas-suespost, din il-Qorti jirriżultalha li l-atturi bl-ebda mod ma rnexxielhom jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom li Saviour Zammit ma kellux il-kapaċita` mentali biex jagħmel it-testment tal-20 ta' Awwissu 2010.*

*Anke jekk moħħu (bħala moħħ ta' raġel ta' 82 sena) ma kienx klinikament f'kundizzjoni perfetta, dan il-fatt waħdu ma jfissirx li ma kellux il-kapaċita` mentali biex jagħmel testment. Lanqas il-psikjatra Joseph Spiteri, l-espert ex parte tal-atturi ma seta jikkonferma mija fil-mija li Saviour Zammit ma kienx kapaċi jagħmel testment. Il-provi juru li dakinhar li sar it-testment kien jaf x' inhu jagħmel u kien qed jifhem il-konsegwenzi ta' dak li kien qed jagħmel; u l-fatt li l-kontenut tat-testment ma jistax jitqies bħala wieħed irraġonevoli ikompli jikkonferma kemm kien mentalment kapaċi jagħmel testment.*

*Ladarba l-ewwel talba assolutament ma timmeritax li tintlaqa', mhux il-każ li din il-Qorti tikkunsidra tal-kumplament tat-talbiet."*

48. **Din il-Qorti tqis li dak li qed jitolbu l-atturi huwa li jsir riapprezzament tal-provi.** Din il-Qorti ser iżomm quddiem għajnejha dak li ġie meqjus fil-kawża fl-ismijiet **George Galea v. Maria Carmela sive Marica Baldwin** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Ottubru, 2022**:**

> *"tara li bla ma tissostitwixxi l-fehma jew l-apprezzament tagħha tal-fatti mressqa, tqis jekk minn dawk il-provi l-ewwel Qorti setgħetx raġonevolment tasal għall-fehma li tkun waslet għaliha u jekk dik il-fehma hijiex kontradetta mill-provi li hija kellha jew jekk it-tifsir mogħti minnha għal dawk il-provi huwiex tali li persuna raġonevoli ma tasalx biex tagħmlu"* [5] *;*

49. Issa wara li fliet l-atti u appell imressaq, tqis li f'dawn it-tip ta' kawżi il-Qorti addottat ċertu regoli ta' kif għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-allegat nullità tat-testment; dan hu xieraq, għaliex fl-aħħar mill-aħħar dak li qed jiġi mitlub mill-Qorti huwa li tmur kontra l-aħħar xewqat tad-deċedut. Hawn issir referenza għal dak li saħqet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Peter Ellul et v. Angela Ellul et** nhar it-23 ta' Frar 2022, hekk kif abbraċċjat ukoll mill-istess Qorti fis-sentenza ta' nhar il-21 ta' Novembru 2024 fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs John Camilleri** fejn ġie meqjus li:

> *«i. Il-preżunzjoni "iuris tantum" hija li t-testatur kellu l-kapaċità li jagħmel it-testment u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni li t-testatur ma kellux tali kapaċità trid tiġi pruvata b'mod xieraq;*
>
> *ii. Tkun inkapaċi milli tagħmel testment dik il-persuna li fi ż-żmien tal-att ma tkunx f'sensiha, u l-inkapaċità għandha tiġi ppruvata minn min irid iwaqqa' t-testment;*
>
> *iii. Biex persuna tkun kapaċi tagħmel testment mhux neċessarju li tkun perfettament u rigorożament sana minn moħħha, iżda hu biżżejjed li jkollha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tkun taf x'inhi tagħmel;*

*iv. Biex jiġi stabbilit li l-persuna ma kinitx f'sensiha jridu jirriżultaw indizji gravi;*

*v. Biex jitħassar testment irid jirriżulta b'mod ċert u minn fatti preċiżi li ma jħallu l-ebda dubju li l-inkapaċità kienet teżisti fil-ħin li l-persuna kienet qed tagħmel l-att.»*

50. Dawn huwa l-elementi li għandha timxi fuqhom din il-Qorti u għaldaqstant f'dan l-istadju dak li trid tistħarreġ din il-Qorti huwa jekk l-Ewwel Qorti żbaljatx fl-analiżi tagħha meta kkonkludiet li t-testatur kien kapaċi jagħmel it-testment tiegħu dakinhar li sar. F'dan is-sens il-Qorti trid toqgħod b'seba' għajnejn li ma tmurx kontra r-rieda tat-testatur.

***Dakinhar li sar it-Testment;***

51. Issa l-Ewwel Qorti qieset li kellha prova li t-testatur kellu l-kapaċità jagħmel l-aħħar testment tiegħu u kkunsidrat xiehda tat-tlett minn nies li rawh fl-istess ġurnata, t-tabib tiegħu u żewġ Nutara. Tqis li jkun siewi li tikkonsidra x-xiehda mressqa minnhom:

- It-Tabib Anthony Gauci, dakinhar tal-20 ta' Awwissu 2010, ċċertifika li t-testatur kien *"fully conscious and totally oriented to Time, Place and Person. He has no delusions or paranoid ideas".* In kontroeżami xehed li ma jafx jekk it-testatur marx fil-klinika tiegħu waħdu jew le għaliex hu ma jkunx jaf min hemm fil-*waiting room* u li quddiemu ma daħalx bil-*wheelchair* iżda bil-pass. Jinsisti li kieku l-istat mentali ma kienx kif deskritt fiċ-ċertifikat hu stess, hu ma kienx ser joħroġ iċ-ċertifikat;

- In-Nutara Dr. Sandra Bugeja, xehdet li t-testment sar quddiemha dakinhar tal-20 ta' Awwissu 2010. It-testatur ġie miġjub quddiemha minn Nutar Mario Bugeja, li jiġi zijuha. Tgħid li ma tiftakarx li daħal b'xi wheelchair u dan anke għaliex meta kien jiġi persuna b'wheelchair kien jidħol mill-bieb tal-garaxx u dan ma kienx il-każ. Tiftakar li dak il-ħin it-testatur qalilha l-*particulars* tiegħu nkluż l-ismijiet ta' ommu u missieru, fejn twieled u l-indirizz. Tgħid li fl-uffiċċju tagħha daħal waħdu, u li meta staqsietu xi mistoqsijiet u spjegatlu l-affarijiet, ma tahiex x'tifhem li ma kienx qed jifhem x'qed isaqsi. Tgħid li dak il-ħin in-Nutar Mario Bugeja ma setax jagħmel it-testment tat-testatur u għamlitu hi, dak il-ħin għamlet id-draft fuq il-kompjuter u wara printjatu u t-testatur ffirmah. Hi rat li t-testatur kellu ċ-ċertifikat tat-tabib u li kien qed jifhem u għaliha kien biżżejjed;

- In-Nutar Dr. Mario Bugeja, xehed li lit-testatur kien ilu jafu u li dejjem kien moħħu tajjeb. Qal li t-testment għamlitu n-neputija għaliex jiddejjaq jagħmel testmenti. Jgħid li lit-testatur kienu ilhom iġibuh nies biex jagħmel it-testment tiegħu u qatt ma ried jaf. Jgħid li t-testatur kien għamel testment ieħor qabel l-aħħar testment tiegħu u wara dan it-testatur kien informa lin-Nutar x'ser jagħmel bil-wirt u n-Nutar qallu "about time". It-testatur kien infurmah x'ser jagħmel u ma jagħmilx u kien infurmah li kien ser jinnomina lil konvenut bħala eredi għaliex kellu stima lejh u kien jieħu ħsiebu u xehed li t-testatur ma kienx jafda lil familjari tiegħu. Jgħid li t-testatur mexa waħdu waqt li kien fl-uffiċċju tiegħu u li ma jiftakarx kif wasal. Jgħid li ma kienx preżenti meta sar it-

testment. Jgħid li għalih il-fatt li s-sena ta' qabel ma kienx semma eredi u fl-aħħar testment semma l-eredi, hija turija ta' kemm dam jaħsibha t-testatur.

Xehed li l-konvenut ma kienx klijent tiegħu; anke jekk skont riċerki li saru fuq Philip Azzopardi, u li jinsabu in atti, jidher li l-istess konvenut kien irrikora tliet darbiet għand l-uffiċju tan-Nutar Bugeja, u darbtejn ġie moqdi minn Nutar Mario Bugeja u darba minn Nutar Sandra Bugeja (għalkemm ma kienx in-Nutar esklussiv tal-konvenut).

52. Din il-Qorti rat ukoll li minn riċerki li saru fuq it-testatur, in atti, anke t-testatur kien irrikorra għand in-Nutar Mario Bugeja tul ħajtu, għalkemm ma kienx in-nutar esklussiv tiegħu.

53. Fir-rigward tan-Nutar Mario Bugeja, rat li l-appellanti jittantaw jitfgħu xi ftit dubju fuq ix-xiehda tiegħu u dan għaliex fil-waqt li *viva voce* jgħid li ma kienx preżenti miegħu, fl-affidavit tiegħu jgħid li kien preżenti fil-kamra mat-testatur meta sar it-testment:

> *"I fixed an appointment for him and he came to make this will which was published by Notary Sandra Bugeja. I was there when she was drafting the will and he stated clearly that he wanted Pinu Azzopardi as his sole heir. He again explained that he did not want to leave anything to his cousins as in his words they did not deserve anything: "kollha ħallelin ħsiebhom fil-flus". He also repeated to me that he would leave nothing to John Cassar as in his own words 'he had taken from me more than he deserves' – "ħadli biżżejjed."*

54. Iż-żewġ Nutara ġew mistoqsija r-raġuni li t-testatur innomina lil konvenut kemm bħala legatarju u kemm bħala eredi. Ġiet eżaminata wkoll waħda mix-xiehda tat-testment iżda din ma ftakritx min kien it-testatur. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut qal li hu ma marx miegħu dakinhar li sar it-testment; u baqa' jikkonferma dan anke meta ġie mistoqsi diversi drabi.

55. **Din il-Qorti tqis** li meqjus kollox ma għandhiex raġuni sabiex tiddubita l-veraċità tax-xhieda li raw lit-testatur dakinhar li sar l-aħħar testment tiegħu. Tassew mhux ċar jekk in-Nutar Mario Bugeja kienx preżenti fil-kamra miegħu jew le, imma din il-Qorti ma tqisx li għandha raġuni tiddubita li t-testatur mexa waħdu fl-ambjenti tal-professjonisti hawn imsemmija u li kien f'qagħda li kapaċi jikkomunika u jinforma lin-nutar xi xtaq jagħmel bl-assi tiegħu. Ma tiddubitax anqas li l-konvenut ma kienx preżenti mat-testatur meta sar it-testment. Fuq kollox din il-Qorti żżomm quddiem għajnejha li l-konvenut ma kienx l-uniku benefiċjarju tat-testment u dan meta tħalla legat lil Kapuċċini tal-Floriana, dar ġewwa Ħal Safi u somma ta' €232,490.

56. Issir referenza wkoll fuq in-natura taċ-ċertifikat anness mat-testment u jitqies li għalkemm huwa minnu li dan ma ġiex maħruġ mingħand psikjatra u li l-kliem użat kien ivarja minn dak utilizzat fis-sena ta' qabel, ma jfissirx li dan iċ-ċertifikat ma kienx validu. Tassew il-liġi

nostrana ma tirrikjedix li testment ikollu anness miegħu ċertifikat mediku, u għalhekk aktar u aktar ma tqisx li għandu jiġi dikjarat null testment għaliex iċ-ċertifikat ma ħax forma fuq oħra.

57. **Għaldaqstant sa dan l-istadju din il-Qorti ma tqisx li hi f'pożizzjoni li tqis li t-testatur ma kienx kapaċi jagħmel it-testment tiegħu. Madankollu jeħtieġ li jiġi kkunsidrat l-ilment ieħor imressaq mill-appellanti.**

***Qabel u wara ma sar it-Testment;***

58. L-appellanti jittantaw jitfgħu dubju fuq il-kapaċità tat-testatur primarjament billi jiffokaw fuq il-fatt li jiem wara li sar it-testment, l-istess testatur ittieħed l-isptar:

- Fl-24 ta' Awwissu 2010 ittieħed l-isptar mill-konvenut għaliex inkwieta li t-testatur seta' kien imweġġa, peress li kien waqa' tlett ijiem qabel. Saru xi testijiet però t-testatur ried jitlaq u dan telaq mill-isptar *against medical adivce,* u ċjoè telaq minn jeddu kontra l-parir tat-tobba. Il-konvenut ġie infurmat li kellu jagħtih *panadols*. Fl-24 ta' Awwissu 2010 sar *CT scan* ta' moħħ it-testatur;

- Fid-29 ta' Awwissu 2010 ittieħed l-isptar wara li qarib ieħor Joseph Zammit ma rahx f'kundizzjoni tajba u wara li nforma lil konvenut ikkuntatjaw lit-tabib u ttieħed l-isptar b'ambulanza. L-isptar instab li t-

testatur kellu infezzjoni minħabba zokkor li kien *uncontrolled*, kellu infezzjoni fid-demm (*septicemia)* u li meta daħal l-isptar intbagħat l-ITU minflok iddaħħal ġewwa *ward* (xhieda tat-Tabiba Rachel Agius li ratu fl-ITU). It-testatur kellu wkoll *pneumonia* u problema fil-kliewi (xhieda Dr Brendan Caruana Montalto). Fix-xhieda tagħha t-Tabiba Juanita Galea, apparti li xehdet fuq il-*gross brain atrophy*, xehdet li ċertu mard jista' jkun ilu jiżviluppa żmien twil u ieħor li jiżviluppa minn ġurnata għall-oħra. It-testatur miet f'Novembru 2010. It-Tabib Jeffrey Bonnici kkonferma li meta daħal l-isptar l-aħħar darba hu kien *poorly responsive,* spjega li t-testatur kellu infezzjoni fid-demm, li setgħet ġiet minn infezzjoni fil-pulmun li seta' ġie miz-zokkor.

59. Rat ukoll li l-Prof Stephen Fava, apparti li xehed fuq il-*gross brain atrophy* xehed li meta t-testatur daħal fis-29 ta' Awwissu 2010, kellu *diabetic ketones acidosis* li jfisser li z-zokkor ikun għoli u taffettwa l-livell ta' *consciousness*. Jgħid li skont in-noti, d-dijabete ġie dijanostikata xi ġimgħa qabel. Id-dijabete taffettwa l-kliewi, l-awrina u l-pressjoni. Jgħid li ma kienx hemm indikazzjonijiet ta' xi raġuni biex jinżamm l-isptar meta talab li jiġi *discharged* l-ewwel darba fl-24 ta' Awwissu 2010.

60. Tassew din il-Qorti tirrikonoxxi li l-istat fiżiku tat-testatur ma kien tajjeb xejn meta daħal l-isptar fid-29 ta' Awwissu 2010, madankollu dan ma jfissirx li ftit jiem qabel hu ma kellux il-kapaċità li jersaq għat-testment tiegħu stess. Din il-Qorti tqis li kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża bl-

ismijiet **Grace Magrin pro et noe v. Rita Sammut** nhar 12 ta' Lulju, 2023:

> *"Huwa prinċipju mill-aktar bażiku li l-kapaċità ta' persuna li tagħmel testment hija meqjusa bħala r-regola, filwaqt li l-inkapaċità hija meqjusa bħala l-eċċezzjoni (Ara fost ħafna oħrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti filkawża fl-ismijiet ta' Anton Ellul et. v. Maria Busuttil et. deċiża fit-18 ta' Lulju, 2017, (Ċit. Nru. 792/2002/1AE)). Minn din il-preżunzjoni jitnissel imbagħad prinċipju ieħor li min jattakka s-siwi ta' testment minħabba inkapaċità fil-menti tat-testatur, dan għandu jipprova linkapaċità tat-testatur fil-mument tat-testment (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Victoria Galea v. Mary Casingena et. deċiża fit-23 ta' Novembru, 2020, (799/2006/1SM))* ***<u>u "m'għandux wieħed jippreżumi l-inkapaċità minħabba li xi żmien qabel jew wara tali mument kien hemm okkażjonijiet meta t-testatur ma kellux għarfien ta' dak li qed jagħmel" (Estratt meħud mis-sentenza ta' din ilQorti fil-kawża fl-ismijiet ta' Lorenza Bonnici et v. Maria Dolores Mifsud, deċiża fit-2 ta' Marzu, 2018, (App. Ċiv. 1118/2005/1AE) (emfażi miżjuda)</u>***"

61. Fir-rigward tal-materja relatata mal-*gross brain atrophy* din il-Qorti tqis li diġà ndirizzat din il-kwistjoni meta qieset jekk kellux jiġi appuntat espert ulterjuri. Tqis li ma għandhiex tiddetermina l-istat mentali tat-testatur abbażi tal-atrofija li beda jsofri minnha u dan għaliex ma hemmx qbil bejn ix-xhieda li xehdu fuq jekk fil-fatt hemmx konnessjoni bejn bniedem li taqbdu d-dimenzja u d-dijanjosi ta' *gross brain atrophy*.

62. Għaldaqstant inutli li jsiru dawn l-ispekulazzjonijiet u dan meta ġew meqjusa wkoll diversi x-xhieda li jpinġu stampa tal-persuna li kien it-testatur u li fil-fatt għalkemm kien avvanzat fl-età baqa' indipendenti sa qabel ittieħed l-isptar l-aħħar darba u li moħħu baqa' tajjeb. Qed jiġu riprodotti hawn xi estratti tax-xhieda dirett mis-sentenza tal-Ewwel Qorti :

> *"Għalkemm l-atturi ressqu xi persuni li sostnew li Saviour Zammit ma kienx baqa' mentalment f'sikktu, bħal per eżempju:*

*- Raphael Scerri (li xehed li lejn l-aħħar ta' ħajtu Saviour Zammit: "ma kienx fi stat mentali tajjeb u ma kienx għadu f'pożizzjoni li jgħarbel dak li jisma'"); u*

*- Maria Debono (li xehdet li "fl-aħħar zminijiet ta' ħajtu moħħu kien spiċċa");*

*Hemm ukoll persuni prodotti mill-istess atturi li fil-fatt xehdu proprju l-kontra:*

*- Peter Paul Busuttil, is-sindku ta' Ħal Safi, xehed li għalkemm fiżikament Saviour Zammit ma kienx għadu tajjeb, mentalment kien baqa' jirraġuna: "Naħseb iva kien baqa' jirraġuna." u*

*- Joseph Zammit, li huwa infermier, (u li spjega li missieru kien kuġin ta' Saviour Zammit) xehed li Saviour Zammit kien baqa' jaħdem fir-raba' sal-aħħar, u li kien jiltaqa' miegħu ta' sikwit u li "Miegħi dejjem għamel sens meta kellimni."*

*Da parti tal-konvenut (barra x-xiehda taż-żewġ nutara Bugeja u t-tabib tal-familja Gauci, fuq imsemmija) hemm ukoll xiehda oħra li xehdu b'mod pożittiv dwar l-istat mentali ta' Saviour Zammit: per eżempju:*

*- Dun Joseph Cilia (li kien kappillan ta' Ħal Safi mill-2006 sal-2011):*

*"Tabib m'inix pero` kull meta kont inkellmu, jiġifieri, u meta jiġi jkellimni, anke forsi anke meta ġieli ġie fl-uffiċċju parrokkjali, jien, fil-fehma tiegħi, moħħu f'siktu kien, jiġifieri moħħu tajjeb kien, u jaf x'għandu jgħid. Jiġifieri memorja tajba ħafna, eċċellenti kien jitkellem jiġifieri……"*

*u*

*- Mario Vella li adirittura xehed li fl-aħħar tal-ġimgħa wara Santa Maria 2010 (proprju fiż-żmien tat-testment) Saviour Zammit kien mar jagħti d-diesel lill-karozza mill-pompa tiegħu."*

63. Għaldaqstant din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti ma tqisx li l-qagħda tat-testatur wara li sar it-testment għandha tammonta għall-pożizzjoni li dakinhar li sar it-testment, it-testatur ma kellux il-kapaċità meħtieġa. Fl-aħħar mill-aħħar jitqies li dak li tenna l-Imħallef M. Caruana Curran li f'każijiet ta' din ix-xorta:

> *"Ċertament għandha taħrab kwalunkwe prekonċett, sia li min hu xiħ mhux kapaċi, sia li kull min hu marid mhux f'sensih. Jekk qatt għandu jkun hemm xi prekonċett, jekk dana huwa l-vokabolu korrett, dan huwa biss il-preżunzjoni tal-kapaċità, salva l-prova kuntrarja li però għandha tkun, kif fuq intqal, rigoruża (* ***ara Angelo Abela et vs George Abela et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Ottubru 2023 u* ***Joseph Bonavia et v. Giovanni Bonavia et****, deciza fl-24 ta' April 1950, Vol XXXIV.I.108)."*

64. Meqjusa ċ-ċirkostanzi, din il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni li tilqa' dan l-appell.

**Deċide**

65. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti Rosina Cassar u Raphael Scerri.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb